**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 7 t'April 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 539/2024 JPG**
**Kawza nru.: 18**

**IS**
**vs**
**SS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur datat 28 t'Ottubru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponent żżewweġ lil SS, detentriċi tal-karta tal-identita' 265573(M) fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) (DOK A), minn dan iż-żwieġ l-partijiet kellhom żewġt itfal: RS li twieldet f'X u li hija maġġorenni u taħdem, kif ukoll JS li twielded f'Y,u li għadha minuri;*

2. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn sentejn u nofs, u legalment separati permezz ta' kuntratt in atti quddiem Dottor Nutar Joseph Debono tal-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) (DOK B);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom peress illi llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi l-unika obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet jirrigwarda il-minuri, hekk kif ġie qed jiġi onorat skont il-kuntratt tas-separazzjoni;*

5. *Illi għalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-liġi.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

a) *Tiddikjara li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn (2002) jiġi maħlul u dikjarat bħala xolt;*

b) *Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jiġi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-ħall taż-żwieg jiġi debitament reġistrat skond il-ligi; u*

c) *Tagħti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 17 ta' Dicembru 2024 (Vide Fol 16) li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ma topponix ghat-talbiet imressqa mir-rikorrenti ghal pronunzjament ta' divorzju bejn il-partijiet, u ghall-hall taz-zwieg;*
2. *Illi l-esponenti qieghda tinsisti li m'ghandiex tbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni stante li din hia talba mressqa mir-rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

L-attur xehed (vide affidavit fol 19) u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-23 ta' Marzu 2002 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum wahda maggorenni u ohra ghadha minorenni. Iddikjara illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 15 ta' Lulju 2024 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono; xehed in oltre li l-kontendenti ilhom jghixu separati de facto ghal aktar minn sentejn u nofs . Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

L-intimata xehdet (vide Fol 22) u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-***

> ***ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-it-23 ta' Marzu 2002 liema zwieg jgib certifikat numru 221/2002 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu ulied zewgt itfal, illum wahda maggjorenni u l-ohra ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni

konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono datat 15 ta' Lulju 2024 (Vide fol 4 et seqq.). Jirrizulta in oltre illi l-kontendenti ilhom de facto separati ghal aktar minn sentejn u nofs. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 221/2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jithallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**